## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**RIK NRU 128/2024** WARA L-ITTRA UFFIĊJALI NUMRU 1915/2024 DATATA 17 TA' MEJJU 2024 INTAVOLATA AI TERMINI TAL-ARTIKOLU 100(5) U (6) TAL-KAP. 552 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA FL-ISMIJIET: **L-AWTORITA' TAL-IPPJANAR V. ALEX SAMMUT (KI. 103482M), RAYMOND SAMMUT (KI. 275876M) U MARIO PACE (KI. 226873M)**

(RIFERENZA KOSTITUZZJONALI – HUWA T-TQANQIL TAL-KWISTJONI U MHUX BISS IL-KWISTJONI NNIFISHA LI TRID TKUN WAHDA MHUX FRIVOLA JEW VESSATORJA AI TERMINI TAL-ART. 46(3) TAL-KOSTITUZZJONI U L-ART. 4(3) TAL-ATT DWAR IL-KONVENZJONI EWROPEJA – QORTI M'GHANDIEX TOHROG ORDNI TA' RIFERENZA META L-KWISTJONI TKUN WAHDA LI BHALHA TKUN DIGA TQAJJMET WAHDA QABEL LI TKUN GIET MEQJUSA U DECIŻA MINN QORTI TA' GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**17 ta' Frar 2025**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Mario Pace (hawn isfel imsejjaħ "ir-rikorrent") ippreżentat fl-14 ta' Ġunju 2024[1] li permezz tiegħu ppremetta u għamel is-segwenti talbiet:

"Illi dan ir-rikors qiegħed isir ai termini ta' l-Artikolu 100(7) tal-Kap 552 tal-Ligijiet ta' Malta fejn huwa stipulat illi:

> *(7) Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (6)* għandha tiġi *notifikata lid-debitur permezz ta' att* ġudizzjarju *u* għandu *jkollha l-istess effett* bħal *sentenza finali tal-qorti kompetenti kemm-il darba d-debitur, fi* żmien għoxrin ġurnata *minn meta ssirlu n-notifika ta' dik id-*

[1] Fol 1-14

*dikjarazzjoni, ma jopponix dik it-talba billi* jippreżenta *rikors fejn jitlob li l-qorti tiddikjara l-pretensjoni* bħala waħda *infondata.*

Illi l-Awtorita tal-Ippjanar ipprezentat ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 100 (5) u (6) tal-Kap 552 tal-Ligijiet ta' Malta fejn interpellat lill-esponenti flimkien ma' Alex Sammut u Raymond Sammut sabiex iħallsu s-somma ta' erbatax-il Elf u disgħin Ewro (Eur 14,090) rapprezentanti hlas allegatament dovut lill-istess Awtorita bhala multa ghal kull gurnata (relattiva ghal matul il-perjodu bejn il-11 ta' Dicembru 2018 sal-24 ta' Frar 2020) skond Regolament 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 552.24, rigwardanti zvilupp bi ksur tal-kontroll tal-ippjanar kif specifikat fl-Avviz biex tieqaf u ta' Twettiq bin-numru ECF 216/18 (hawn annessa u mmarkata bhala "**Dok MP1**")

Illi din l-Ittra Ufficcjali giet notifikat lill-esponenti fis-27 ta' Mejju, 2024;

Illi l-esponenti jirrileva li huwa qiegħed jikkontesta t-talba ghall-hlas hawn fuq deskritt stante li tali talba hija wahda nfondata fil-fatt u fid-dritt għas-segwenti ragunijiet:

1. Fl-ewwel lok u b'mod preliminari, id-disposizzjonijiet legali li abbazi taghhom l-Awtorita ta' Ilppjanar qieghda issejjes it-talba tagħha huma lezivi ghad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u dan kif diga gie ddikjarat fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet *Victor Gusman noe et vs L-Avukat ta' !-Istat* moghtija nhar it-30 ta' Mejju 2024, b'dana li l-appellant qiegħed jirrizerva minn issa stess id-drittijiet moghtija lilu sabiex jirreferi l-kaz tiegħu lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali).

2. Illi fit-tieni lok u b'mod preliminari jigi rrilevat li l-Ittra ufficcjali giet pprezentata kontra l-esponenti flimkien ma' Alex Sammut u Raymond Sammut biss. L-Awtorita ta' l-Ippjanar hija ben konoxxenti tal-fatt li hemm terzi ossija l-eredi ta' John Mary Sammut li kontrihom l-Awtorita ma' pprocedietx u dan minkejja li l-Awtorita kienet harget l-avvizi fil-konfront taghhom. Huwa ghalhekk illi l-awtorita ta' l-Ippjanar ghandha tipprocedi fil-konfront ta' l-eredi ta' John Mary Sammut wkoll.

3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, jinghad illi parti mill-allegat zvilupp li dwaru l-esponenti flinkien ma' ohrajn qieghdin jigu mmultati sar snin kbar ilu u cioe qabel is-sebghinijiet u ghalhekk ebda multi fuq l-istess ma jistghu jigu mponuti;

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, jigi rrilevat illi l-art li fuqha hemm jew kien hemm allegat zvillup hija diviza bejn l-antenati tal-persuni indikati fl-ittra ufficcjali kif ukoll il-werrieta ta' John Mary Sammut, liema divizjoni sar permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon tat-tnejn ta' Jannar tas-sena elf disa mija sitta u tmenin (02.01.1986) **Dok MP2**, fatt li l-Awtorita hija ben konoxxenti tieghu. Omm l-esponenti ossija Margaret Pace giet nieqsa fit-22 ta' Lulju 2021 u l-wirt taghha iddevolva a favur l-esponenti, kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza. Qieghed ukoll jipprezenta pjanta ta' l-art **Dok MP3**

Illi l-Artikolu 100(5) tal-Kap. 552 tal-Liġijiet ta' Malta jistipola, inter alia, illi kull ammont dovut lill-Awtorità skont xi dispożizzjoni tal-Kap. 552 jew taħt xi regolamenti maħruġin

taħtu jkunu jistgħu jiġu rkuprati bħala dejn ċivili mill-Awtorità mingħand il-persuna li f' dak iż-żmien jew (i) tkun sid l-art, jew (ii) mingħand l-okkupant tal-art jew (iii) mingħand persuna responsabbli għall-għemil indikat f'xi avviż, inkluż avviż ta' ħlas, jew applikant, bla ħsara għal kull jedd ta' dik il-persuna li tirkuprahom mingħand xi persuna oħra."

Illi filwaqt li l-ligi taghti diskrezzjoni assoluta lill-Awtorita tal-Ippjanar dwar kontra min tmexxi l-azzjoni ghall-irkupru tad-dejn, ma tistax titlob hlas minghand persuna li la ghandha l-okkupazzjoni ta' l-art, la huwa sid ta' dik il-porzjon art u wisq anqas hija responsabbli ghall-ghemil.

Illi ghalhekk l-esponenti ma ghandux jigi kkundannat ihallas ebda multi.

Ghalhekk, l-esponenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li t-talba tal-Awtorita' fil-konfront ta' l-esponenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt.
2. Tiddikjara li l-istess ammont ma huwiex dovut mill-esponenti.

Bl-ispejjeż kontra l-Awtorita'.

wara li rat ir-risposta tal-Awtorita' tal-Ippjanar (hawn isfel imsejjħa ukoll "l-Awtorita' intimata" jew "l-intimata") ippreżentata fid-19 ta' Lulju 2024[2] li permezz tagħha wieġbet kif ġej:

"1. Illi l-kontestazzjonijiet tar-rikorrenti kif misjuba fir-rikors preżentat nhar l-14 ta' Ġunju 2024 huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt;

2. Illi fit-tieni lok id-disposizzjonijiet legali li abbażi tagħhom ġiet imposta l-multa ma humiex qegħdin jiksru d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-sentenza msemmija mir-rikorrent li tifforma l-bażi tal-ewwel kawżali għat-talba tagħhom hija waħda *sub iudice;* kif ukoll huwa opportun li jiġi enfasizzat li dak il-każ fih fattispeċje differenti minn dak mertu ta' dawn il-proċeduri. Apparti hekk, huwa għal kollox kuntradittorju illi r-rikorrenti jilmentaw mill-kostituzzjonalità tal-liġi li abbażi tagħha l-Awtorità tal Ippjanar għamlet it-talba iżda fl-istess ħin jinkoraġixxu, anzi saħansitra jitolbu lill-Awtorità tal-ippjanar tmexxi kontra terzi proprju abbażi tal-istess liġi;

4. Illi l-Awtorità tirriserva d-dritt li jekk ikun il-każ twieġeb għal kwalunkwe talba għal referenza kostituzzjonali;

5. Illi l-Awtorità tal-ippjanar ipproċediet korrettament u ai termini ta' Artikolu 100 (5) u (6) meta hija nnotifikat lis-sur Mario Pace, hawn attur, bl-ittra uffiċjali 1915/2024, u dan sabiex hija tirkupra dan id-dejn ċivili kif dovut lilha. Hawnhekk irridu niftakru li r-rikors kif ntavolat minn Mario Pace, ċjoe dak ai termini ta' Artikolu 100(7) tal-Kapitolu 552 tal-Liġijiet ta' Malta, għandu jkun fis-sens li l-pretensjoni tal-

[2] Fol 17-19

Awtorità hija waħda nfondata u mhux ir-rikorrent jipprova jpoġġi lilu nnifsu flok l-Awtorità tal-Ippjanar u jużа minflokha d-diskrezzjoni kif mogħtija lilha;

6. Illi l-iżvilupp mingħajr permess soġġett għal multa seħħ wara nhar l-24 ta' Novembru 2012;

7. Illi l-Awtorità tirreferi għal fatt li l-Avviż li minnu twieldu l-multi mertu ta' dawn il-proċeduri, ċjoe ECF 216/18, ma ġiex appellat għaldaqstant huwa kkonfermat;

8. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, hawnhekk mhux qegħdin fi stadju ta' appell mill-Avviż, għaldaqstant kwalunkwe argument kontra l-ħruġ/kontenut ta' dak l-Avviż, inkluż: argumentazzjoni fuq in-notifika tal-Avviż u meta seħħ l-iżvilupp mingħajr permess ma humiex kwistjonijiet li jistgħu jiġu mistħarrġa f'dawn il-proċeduri;

9. Illi l-oġġezzjonijiet kollha li fuqhom ir-rikorrenti qed issejjes it-talbiet tiegħu, huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Kif ser jirriżulta waqt is-smigħ ta' din il-kawża, ir-rikorrenti huwa debitur tal-Awtorita' esponenti fl-ammont indikat fl-istess ittra uffiċjali u l-istess talba għall-ħlas hi ġusta u mistħoqqa fil-liġi.

10. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri

**Għaldaqstant, invista tas-suespost l-esponenti umilment titlob lill din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet tar-rikorrent, bl-ispejjeż kontra r-rikorrent."**

wara li rat illi rat bid-digriet tal-21 ta' Ottubru 2024[3] din il-Qorti diversement presjeduta rrimetiet lura l-atti lir-Reġistratur sabiex dan jgħaddiha lil din il-Qorti kif presjeduta in vista tat-trasferiment tagħha fuq talba tal-partijiet u għar-raġunijiet indikati fl-istess digriet[4],

wara li rat li l-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta bl-ordni tal-STO Prim Imħallef tal-4 ta' Novembru 2024[5],

wara li rat li permezz tal-ordni *in camera* magħmul skont l-Art. 173(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti rriappuntat il-kawża għat-18 ta' Novembru 2024 sabiex tiġi stradata[6],

wara li rat li fl-10 ta' Diċembru 2024, sussegwentement għall-ewwel eċċezzjoni tiegħu, ir-rikorrent ippreżenta rikors li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tagħmel riferenza kostituzzjonali lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) ta' kwistjonijiet li

---

[3] Fol 21
[4] Senjatament għaliex l-ittra uffiċjali in kwistjoni ġiet appellata ukoll minn Alex Sammut u Raymond Sammut u hija s-suġġett tal-kawża bin-numru 129/2024 pendenti quddiem din il-Qorti kif presjeduta.
[5] Fol 22
[6] Fol 23

skont ir-rikorrenti jledu d-drittijiet fundamentali tiegħu[7], f'liema rikors ippremetta u talab dak li ġej:

"1. Illi dan ir-rikors qieghed isir in segwitu ghal-verbal ta' din l-Onorabbli Qorti tat-18 ta' Novembru, 2024 li permezz tieghu tat il-fakulta lill-esponenti sabiex jipprezenta rikors b'dettalji cari *u* konkreti dwar il-ghala din l-Qorti ghandha tirreferi l-kaz odjern lill-Prim'Awla Qorti Civili sede kostituzjonali.

<u>Fatti</u>

2. Il-fatti huma ċari *u* ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwarhom. Dawn jistghu jiġu sintetizzati b'dan il-mod.

i. Illi l-esponenti huwa sid ta' porzjon diviza ta' l-ghalqa, maghrufa tal-Pitrezz, fil-limiti ta' Birkirkara;

ii. Illi l-ghalqa in kwistjoni hija wkoll proprjeta ta' Alex Sammut, Raymond Sammut *u* l-eredi ta' John Mary Sammut, *u* dan f'sehemijiet divizi bejniethom;

iii. Illi allegatament s-sidien u/jew l-okkupanti ta' l-ghalqa mertu ta' din il-kawza allegatament ghamlu zvilupp *u* allegatament ddepozitaw *u* hallew affarijiet fuq l-ghalqa mertu ta' din il-kawza b'dana li l-Awtorita ta' l-Ippjanar harget avvizi fil-konfront ta' l-esponenti *u* ohrajn fosthom Alex Sammut, Raymond Sammut *u* John Mary Sammut (li gie nieqes fil-frattemp) fejn interpellathom jnehhu kwalsiasi depoziti *u* zvilluppi kontra multi ghal kull gurnata ta' dewmien;

iv. Illi permezz ta' ittra ufficcjali datata 17 ta' Mejju 2024 *u* nnotifikata lill-esponenti nhar is-27 ta' Mejju, 2024, l-Awtorita tal-Ippjanar ipprezentat ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 100 (5) *u* (6) tal-Kap 552 tal-Ligijiet ta' Malta fejn interpellat lill-esponenti flimkien ma' Alex Sammut *u* Raymond Sammut sabiex ihallsu s-somma ta' erbatax-il elf *u* disghin Ewro (€14,090) rapprezentanti ħlas allegatament dovut lill-istess Awtorita bhala multa għal kull gurnata (relattiva għal matul il-perjodu bejn il-11 ta' Dicembru 2018 sal-24 ta' Frar 2020) skond Regolament 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 552.24, rigwardanti zvilupp bi ksur tal-kontroll tal-ippjanar kif specifikat fl-Avviz biex tieqaf u ta' Twettiq bin-numru ECF 216/18 (hawn annessa u mmarkata bhala "Dok MP1");

v. Illi permezz ta' rikors pprezentat ai termini ta' l-artikolu 100(7) tal-Kap 552 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponenti oppona għat-talba ta' l-Awtorita;

vi. Illi permezz ta' l-ewwel eccezzjoni tiegħu, l-esponenti eccepixxa li l-Awtorita ta' l-Ippjanar qiegħda issejjes it-talba tagħha fuq ligi li hija leziva għad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u dan kif diga gie ddikjarat fis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet *Victor Gusman noe et vs L-Avukat ta' l-Istat* mogħtija nhar

[7] Fol 28-33

it-30 ta' Mejju 2024, b'dana li rrizerva d-drittijiet mogħtija lilu sabiex jirreferi l-kaz tiegħu lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali).

vii. Illi fost eccezzjonijiet ohra u fuq bazi ta' mingħajr pregudizzju, l-esponenti eccepixxa illi minkejja li l-avvizi kienu qiegħdin jigu mahruga mill-Awtorita tal-Ippjanar anke fil-konfront ta' John Mary Sammut, fl-ittra ufficcjali l-istess Awtorita u cioe l-Awtorita ta' l-Ippjanar ghazlet li ma tipprocedix fil-konfront ta' John Mary Sammut jew l-eredi tiegħu, u dan ghar-ragunijiet li taf l-istess Awtorita biss.

viii. Illi multo magis, eccepixxa li filwaqt li parti mill-allegat zvilupp li dwaru l-esponenti flimkien ma' ohrajn qiegħdin jigu mmultati sar qabel is-snin sebgħinijiet, l-art li fuqha hemm jew kien hemm allegat zvillup hija diviza bejn l-antenati tal-persuni indikati fl-ittra ufficcjali kif ukoll il-werrieta ta' John Mary Sammut, liema divizjoni sar permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon tat-tnejn ta' Jannar tas-sena elf disa mija sitta u tmenin (02.01.1986), fatt li l-Awtorita hija ben konoxxenti tiegħu, b' dana li l-esponenti ma jistax jigi mmultat u mitlub ihallas għall-allegat nuqqasijiet meta huwa la huwa s-sid tal-porzjon art, la huwa l-okkupant u lanqas huwa l-persuna li effettivament kkometta ebda ksur.

3. Illi fis-seduta tat-18 ta' Novembru, 2024, l-esponenti talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirreferi l-kaz lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali stante illi d-dispozizjonijiet legali illi fuqhom l-awtorita' qed issejjes it-talba tagħha huma lezivi tad-drittijiet fundametali tal-bniedem.

**<u>Ir-Raguni ghat-Talba ta' Referenza</u>**

4. Illi l-ilment ta' l-esponenti huwa fis-sens illi:

i. l-impożizzjoni ta' multa mill-Awtorità huwa ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, billi dik il-multa min-natura tagħha hija ta' natura kriminali, u b'hekk huwa neċessarju li tiġi mposta minn "qorti", u mhux minn awtorità pubblika bħal ma hija l-Awtorita tal-Ippjanar;

ii. Il-Ligi tagħti lill-Awtorità tal-Ippjanar il-fakultà li toħroġ avviż ta' waqfien u twettiq, u per konsegwenza l-fakultà li timponi multa, kontra sid ta' sit li fuqu jsir żvilupp illegali, irrispettivament mill-fatt li dak is-sid ma jkollux kontroll jew pussess ta' ħwejġu, u rrispettivament mill-fatt jekk l-iżvilupp illegali sarx bi jew kontra l-kunsens jew ir-rieda tiegħu bi ksur ghad-dritt fundamentali għall-preżunzjoni tal-innoċenza kontenut fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

5. Illi l-lanjanza kostituzzjonali temani mill-fatt illi l-artikolu 97 u l-artikolu 100 tal-Kap 552 jipprovdi illi:

*97.(1) Jekk ikun jidher lill-Kunsill* Eżekuttiv *li attività u,jew* żvilupp *tkun qed titwettaq* mingħajr *l-għoti ta' permess u,jew liċenza meħtieġa taħt dan l-Att jew li xi kondizzjoni li soġġett għaliha dak il-permess ikun* ingħata *fir-rigward ta' xi attività* bħal *dik u, jew* żvilupp

*ma tkunx qed* tiġi mħarsa, jew *dik l-attività u,jew* żvilupp *imur kontra dan l-Att jew kontra regolamenti li* jinħarġu taħt *dan l-Att, il-Kunsill* Eżekuttiv għandu joħroġ avviż *ta' waqfien lil kull persuna li tkun* qiegħda *twettaq attività* bħal *dik, jew* żvilupp:

Iżda *meta l-attività u, jew* żvilupp *illegali huwa limitat* għal *parti mis-sit, l-Awtorità tista' fid-diskrezzjoni* tagħha, toħroġ avviż *parzjali ta' waqfien li jkun* jeħtieġ *li l-attività u, jew* żvilupp *jieqaf minnufih biss fir-rigward ta' dik il-parti tal-attività u, jew* żvilupp u, jew *żvilupp fejn* l-iżvilupp *illegali jissussisti u mhux fir-rigward* tal-iżvilupp *kollu:*

*...*

*(4) Jekk lill-Kunsill* Eżekuttiv *jidhirlu li xi attività u,jew* żvilupp *ta' art ikun* ġie *mwettaq wara l-bidu* fis-seħħ *ta' dan l-Att* mingħajr l-għoti *ta' permess* meħtieġ *f'dak ir-rigward* taħt *dan l-Att,jew li xi kondizzjonijiet li* għalihom *permess* bħal *dak* mogħti fir-rigward *ta' xi attività u,jew* żvilupp *kien* soġġett *ma* ġewx imħarsa, *il-Kunsill* Eżekuttiv *jista', wara li jikkunsidra* d-dispożjzzjonijet *tal-pjanijiet* għall-iżvilupp, *policies tal-ippjanar u kull konsiderazzjoni* oħra *ta' sustanza, jinnotifika lis-sid tal-art jew lill-okkupant tal- art jew lill-persuna responsabbli* għall-atti *msemmija fl-avviż jew kwalunkwe kombinazzjoni* tagħhom *kif il-Kunsill* Eżekuttiv *jidhirlu l-aktar spedjenti,* avviż *ta' twettiq u s-subartikolu (3)* għandu *japplika hawn ukoll,* billi jeħtieġ *li* jittieħdu *dawk il-passi li* jiġu speċifikati fl-avviż fiż- żmien *hekk ukoll* speċifikat *sabiex l-art* titreġġa' *lura* għall-istat *li kienet fih qabel ma saret l-attività u,jew* l-iżvilupp *jew* għat-tneħħija *ta'* żvilupp *jew sabiex* jiżgura *konformità mal-kondizzjonijiet imsemmija qabel, skont kif ikun il-kaz u b'mod partikolari,* iżda *bla* ħsara għall-ġeneralità *ta' dak hawn aktar qabel imsemmi kull* avviż bħal *dak jista',* għall-għanijiet imsemmija,jeħtieġ *id-demolizzjoni jew tibdil ta' kull bini jew* xogħl!Jiet, *il-waqfien ta' xi* użu *ta' art, jew li jsiru fuq l-art kull bini jew* xogħolijet oħra:

*...*

*(11) Kull persuna li* tħoss ruħha *aggravata minn xi* avviż *notifikat lilha tista' tappella kontra* tiegħu *lit-Tribunal skont l-Att dwar it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, f'liema* każ *l-effetti tal-avviż,* ħlief *it-talba li twaqqaf jew tipprojbixxi aktar attività u, jew* żvilupp *jew tirrikjedi t-twaqqif ta'* użu, għandhom *ikunu* sospiżi *sakemm l-appell* jiġi maqtugħ *b 'mod finali.*

*100. (4) Bla* ħsara għad-dispożjzzjonfjiet *jew regolamenti* maħruġa taħt *dan l-Att meta ma jsirx appell minn* avviż *ta' twettiq u s-sid jew l-okkupant tal-art* soġġetta għall-avviż *ta' twettiq jew kull persuna responsabbli* għall-atti *msemmfja fl-avviż jonqos milli jikkonforma* ruħu *ma' dak* l-avviż *ta' twettiq* fiż-żmien *preskritt* fl-avviż *ta' twettiq, dik il-persuna* għandha *tkun obbligata li* tħallas *multa ta' kuljum li* għandha *tkun regolata b 'regolamenti* magħmula *mill-Ministru, li ma tkunx* teċċedi ħamsin *euro (€50)* għal *kull jum li* għandha *tapplika mill-jum li dik l-illegalità msemmija* fl-avviż *ta' twettiq li jkun notifikat, tkompli. Meta* l-avviż *ikun* ġie *appellat u l-avviz ta' twettiq ikun* ġie *kkonfermat mit-Trlbunal jew mill-Qorti*

*tal-Appell* (Ġurisdizzjoni *Inferjuri), kif ikun il-każ il-multa ta' kuljum* għall-*kontinwazzjoni tal-illegalità* għandha *tkun ikkalkolata mid-data* oriġinali *notifikata* fl-avviż *ta' twettiq:*

Iżda *l-Ministru jista' b'regolamenti jippreskrivi dati differenti minn meta l-multi ta' kull jum jibdew* jiġu *kkalkulati."*

6. Illi ai termini ta' l-artikolu 103(1) tal-Kap 552 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula illi:

*(1) Kull min* -

*(a)* jagħmel *xi* żvilupp *fuq xi art jew* iħalli *li jsir xi* żvilupp fuq *art li huwa jkun is-sid* tagħha *jew okkupant* mingħajr permess għall-iżvilupp, *jew, jekk* l-iżvilupp *isir b' permess* għall-iżvilupp, *jonqos milli* jħares *jew li jara* li tiġi mħarsa *xi kondizzjoni, restrizzjoni jew* limitazzjoni oħra *li* għaliha *l-permess tkun* suġġett;jew

*...*

*ikun* ħati *ta' reat kontra dan l-Att u meta jinstab* ħati, jeħel *multa ta' mhux inqas minn elf u* ħames *mitt euro (€1,500) u mhux aktar minn mitt e(f euro (€100,000), u dwar reat* taħt *il-paragrafu (d) jew, fil*-każ ta' *reat* taħt *il-paragrafu* (ċ), jekk *ir-reat ikompli* għal *aktar minn tliet xhur, ukoll* għal *prigunerija* għal żmien *ta' mhux inqas minn tliet xhur u mhux* iżjed *minn tliet snin:*

Iżda, *u bla* ħsara għad-dispożjzzjonżijiet *tal-artikoli 57(9) u 100(4) u bla* ħsara għall-ogħla *multa hawn qabel stabbilita, l-inqas multa li min jikkommetti reat* taħt *dan l-artikolu* jista' jeħel m'għandhiex *tkun inqas mill-valur* tax-xogħlijiet *li jkunu saru* mingħajr *permess jew bi ksur tal-kondizzjonijiet li* għalihom kien soġġett *dak il-permess.*

7. Illi jirrizulta li l-multi jibdew jeddikorru meta jghaddi l-perjodu indikat fl-avviz mahrug ai termini ta' l- artikolu 97 tal-Att dwar l-Ippjanar u li fih wiehed jigi ordnat sabiex jaderixxi ruhhu ma' dak l-avviz, bhala konsegwenza ta' nuqqas ta' osservanza ta' l-istess avviz, b'dana li l-offiza hija klassifikata bhala dik ta' natura kriminali u ghalhekk ghandhom japplikaw il-principji legali dettati fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea; smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli quddiem qorti indipendenti u mparzjali mwaqqfa b'liġi.

8. Illi filwaqt li l-Kunsill tal-Awtorita tal-Ippjanar li ghandu l-poter li jiddeciedi jekk jimponix il-multa jew le, il-poter moghti lit-Tribunal ta' Revizjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u il-Qorti ta' l-Appell sede inferjuri huwa limitat ghat-thassir jew konferma tal-Avviz b'dana li l-istess Tribunal u Qorti ma ghandhomx il-poter li jiddeciedu fuq l-applikabilita o meno tal-multa.

9. Illi dwar x'jikkostitwixxi tribunal indipendenti u Qorti, fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kostutizzjonali nhar it-3 ta' Mejju 2016 fl-**ismijiet** **Federation of Estates Agents vs Direttur Generali (Kompetizzjoni)** kien inghad illi:

*"Fil-fehma ta' din il-Qorti, izda, il-kwistjoni ma hijiex jekk id-Direttur jew it-Tribunal tal-Appell humiex imparzjali u indipendenti, izda jekk humiex qorti. Dan qieghed jinghad ghax,*

*kif rajna, l-art. 39 tal-Kostituzżjoni jrid illi akkuza kriminali tinstema' quddiem "qorti': u tribunal, ukoll jekk imparzjali, indipendenti u mwaqqaf b'ligi, ma huwa qorti.*

*...*

*It-Tribunal tal-Appell, ghalhekk jista jitqies "awtorita ohra* ġudikanti *mwaqqfa b 'ligi ghall-ghanijiet tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni ghal decizjonijiet dwar drittijiet u obbligi civili, ma jistax jitqies "qorti" ghall-ghanijiet tal-art. 39(1) ghal decizjoni dwar akkuza kriminali. Ladarba, kif rajna, il-proceduri taht il-ligi tal-kompetizżjoni li dwarhom saret din il-kawza tallum ghandhom min-natura ta' "akkuza kriminali' jintlaqtu bl-art. 39 u ghalhekk iridu jitmexxew quddiem qorti."*

10. Illi kif ser ikun qieghed jigi ppruvat u diskuss 'il quddiem, ma hemmx dubju li l-Kunsill tal-Awtorita tal-Ippjanar la huwa tribunal gudizzjarju indipendenti u wisq anqas Qorti.

11. Ulterjorament, il-fatt li huwa biss il-Kunsilll tal-Awtorita tal-Ippjanar li ghandu l-poter jiddeciedi dwar l-impozizzjoni o meno tal-multa u ma hemmx dritt ta' appell jilledi drittijiet fundamentali tal-bniedem.

*12.* Illi dan l-ilment diga gie ddeciz mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Victor Gusman noe et vs L-Avukat ta' l-Istat** moghtija nhar it-30 ta' Mejju 2024.

13. Illi t-tieni ilment ta' l-esponenti huwa fis-sens illi l-Artikolu 100(5) tal-Kap. 552 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula, inter alia, illi kull ammont dovut lill-Awtorità skont xi dispożizzjoni tal-Kap. 552 jew taħt xi regolamenti maħruġin taħtu jkunu jistgħu jiġu rkuprati bħala dejn ċivili mill-Awtorità mingħand il-persuna li f'dak iż-żmien jew:

(i) tkun sid l-art, jew

(ii) mingħand l-okkupant tal-art jew

(iii) mingħand persuna responsabbli għall-għemil indikat f'xi avviż, inkluż avviż ta' ħlas, jew applikant,

bla ħsara għal kull jedd ta' dik il-persuna li tirkuprahom mingħand xi persuna oħra.

14. Filwaqt li l-ligi taghti diskrezzjoni assoluta lill-Awtorita tal-Ippjanar dwar kontra min tmexxi l-azzjoni ghall-irkupru tad-dejn, taghti l-poter lit-Tribunal sabiex jeżamina biss jekk l-iżvilupp in kwistjoni (i) sarx bis-saħħa ta' permess validu taħt xi liġi, u (ii) sarx b'ħarsien lejn il-kondizzjonijiet ta' dak il-permess, liema limitazzjonijiet jcahdu lill-esponenti mid-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq kif sancit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijet ta' Bniedem, galadarba l-offiza hija ta' natura kriminali.

15. L-ilmenti tar-rikorrent huma li mhux biss ma ghandux dritt ta' appell fuq il-multa izda kuntrarjament ghall-art. 39(5) tal-kostituzzjoni, is-sid m'għandu ebda mezz legali sabiex jegħleb u jirribatti l-preżunzjoni maħluqa bis-saħħa tal-artikolu 97(4).

GHALDAQSTANT, ghar-ragunijiet premessi, l-esponenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirreferi din il-kawza ghall-Prim'Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) u dan minhabba l-fatt illi d-disposizzjonijiet legali li abbazi taghhom l-Awtorita tal-Ippjanar qieghda issejjes it-talba taghha huma lezivi ghad-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

Bl-ispejjeż kontra l-Awtorita."

wara li rat ir-risposta tal-Awtorita' intimata ppreżentata fl-10 ta' Jannar 2025[8] li permezz tagħha wieġbet kif ġej:

"I. Illi din ir-risposta qiegħda titressaq in linea mal-verbal ta' din l-Onorabbli Qorti datat nħar it-18 ta' Novembru 2024 li permezz tiegħu l-esponenti ġiet awtorizzata tippreżenta r-risposta tagħha sa nhar it-13 ta' Jannar 2025;

2. Illi fl-ewwel lok, ser jiġi riprodott Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjonii, li jipprovdi:

> *'__Jekk f'xi proċeduri f'xi qorti__ li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali __tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid- disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45__ (magħdudin), dik il-qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja' (emfasi miżjuda)*

3. Illi skont il-kelma tal-liġi, sabiex ikun hemm lok għal talba għal referenza kostituzzjonali wieħed mill-elementi sine qua non huwa li l-kwistjoni li fuqha tkun imsejsa t-talba tkun tali li emanit matul proċeduri quddiem xi Qorti. Minn ħarsa lejn l-ilment tar-rikorrent wieħed jintebaħ li dan jiċentra fuq il-fatt li huwa ġie soġġett għal multa ta' kuljum. Jirriżulta għalhekk b'mod ovvju li tali kwistjoni ma emanitx waqt dawn il-proċeduri, għaliex ma huwiex bis-saħħa ta' tali proċeduri li r-rikorrent ġie soġġett għal multa iżda man-notifika tal-Avviż, lura fl-2018 (u matul dawk is-sitt snin ma nbdew l-ebda proċeduri, kemm ordinarji u wisq anqas ta' natura kostituzzjonali mir-rikorrent). Fuq dan il-punt referenza ssir għad-digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta, fl-ismijiet __'Awtorità tal-Ippjanar vs MFF ltd' (305/2018)__', li kien jikkonċerna talba għal referenza kostituzzjonali rigward allegat ksur tas-smigħ xieraq waqt proċeduri mibdija bis-saħħa ta' rikors ai termini tal-Artikolu 100(7) tal-Kapitolu 552 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-qasir, din it-talba ġiet miċħuda minħabba s-segwenti:

> "Rat id-Digriet moghti minn dina il-Qorti diversament preseduta li permezz tieghu**, __cahdet it-talba tas-socjeta'__** rikorrenti sabiex issir referenza u dan stante li fil-fehma taghha it-talba kienet wahda **__frivola__** stante li **__ma jikkonkorrix punt kostituzzjonali derivanti minn din il-procedura nnifisha__** kif ukoll stante li **__hemm triqat oħra legali li s-socjeta'__**

[8] Fol 34-40

> **<u>rikorrenti setgħet ezercitat</u>** u ghalhekk, ordnat il-prosegwiment tal-kawza.' ( emfasi miżjuda)

4. Illi konsegwentament l-esponenti ma tistax ħlief tirrimarka li dan ir-rikors għal referenza kostituzzjonali qiegħed jintuża biss b'mod abbużiv sabiex id-debitur tal-Awtorità tal-ippjanar jaħrab mill-obbligu tiegħu;

5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, huwa stabbilit li l-Qrati fil-kompetenza Kostituzzjonali tagħhom għandhom is-setgħa li jirrifjutaw li jeżerċitaw is-setgħat mogħtija lillhom taħt Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni meta dawn ikunu sodisfatti li jeżistu mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat. Skont ir-rikorrent dan ir-rimedju ma jeżistix tant li f'punt 8 tar-rikors ġie rrimarkat is-segwenti: '*l-istess Tribunal u Qorti ma għandhomx il-poter li jiddeċiedu fuq l-applikabilita o meno tal-multa*'. Din l-osservazzjoni hija totalment nfondata, u din hija xhieda ċara kemm tali rikors ma jimmeritalux li jintlaqa;

6. X'inhuma r-rimedji ordinarji li jindirizzaw dawn il-lanjanzi? Fost dawn ir-rimedji ordinarji nsibu: Petizzjoni ai termini ta' Regolament 5 tal-Liġi Sussidjarja 552.24 quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, appell quddiem it-Tribunal kif ukoll il-proċeduri odjerni. Nibdew bir-rimedju misjub f'Regolament 5 tal-Liġi hawn fuq imsemmija, li jipprovdi:

> *'It-Tribunal ta' Reviżjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar għandu jeżamina petizzjonijiet milqugħa minnu, u għandu jilqa' biss petizzjoni sew parzjali sew fl-intier tagħha meta jkun hemm raġunijiet forzanti biex jagħmel hekk'*

Illi jiġi nnutat li l-frażi 'raġunijiet forzanti' hija wiesa u dak misjub f paragrafu (a) u (b) huma biss eżempji, tant li jekk wieħed iħares lejn deċiżjonijiet mogħtija mit-Tribunal taħt dawn il-poteri wieħed jinduna li fil-maġġor parti tal-każijiet l-multa ta' kuljum tiġi mnaqqsa skont il-każ. Nieħdu bħal pereżempju petizzjoni bin-numru ta' referenza (P15/21) fl-ismijiet '<u>John u Eugenio Gauci vs l-Awtorità tal-Ippjanar</u>', fejn fil-parti operattiva tas-sentenza t-Tribunal ordna tnaqqis ta' 60% mill-ammont dovut, u dan billi ġie kkunsidrat li l-iżvilupp mingħajr permess kien sar minn terzi. Għalhekk punti 8 sa 11 tar-rikors huma totalment żbaljati, għaliex dan ir-rimedju huwa speċifikament imirat għal istħarriġ tal-multa;

Kemm-il darba l-partijiet ma jkunux kuntenti bid-deċiżjoni tal-petizzjoni dawn għandhom dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri);

7. Illi rimedju ieħor adegwat, effettiv u xieraq huwa d-dritt ta' appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. Waqt li jkun qiegħed jiddetermina appelli ai termini ta' Artikolu 36 tal-Kapitolu 551 tal-Liġijiet ta' Malta t-Tribunal għandu diversi setgħat, inkluż li:

*'It-Tribunal jista' jikkorreġi kull difett jew żball fl-avviż ta'infurzar, ukoll jekk ikun wieħed li kieku mhux għall-korrezzjoni jirrendih invalidu, iżda l-appellant għandu jingħata żmien biżżejjed biex jipprepara u jressaq il-każ tiegħu'*[9]

Huwa fatt li r-rikorrent bis-saħħa tar-rikors promotur jistqarr li huwa ma huwiex '*l-persuna li la għandha l-okkupazzjoni ta' l-art, la huwa sid ta' dik il-porzjon art u wisq anqas hija responsabbli għall-għemil*'. Din it-tip ta' lanjanza setgħet tiġi awanzata permezz ta' appell, nfati fid-deċiżjoni fl-ismijiet '<u>Bitmac Limited vs l-Awtorità tal-Ippjanar</u>' (PAB 135/19) deċiża nhar is-7 ta' Marzu ġie kkunsidrat u deċiż is-segwenti:

*'Ghaldaqstant jirrizulta bic-car illi l-Avviz in mertu hareg inkorrettement meta nhareg fuq il-kumpanija Bitmac Ltd. Ghaldaqstant l-Appell huwa milqugh u l-Avviz 50/19* ***<u>huwa dikjarata bhala irritu u null izda dana biss fil-konfront tal-Appellanti</u>***.' ( emfasi miżjuda)

Bis-saħħa ta' appell kif msemmi hawn fuq ir-rikorrent seta jindirizza wkoll l-argument kif misjub f'punt 3 tar-rikors promotur li kemm-il darba jintlaqa kien iġib fix-xejn il-multa ta' kuljum jew tiġi mnaqsa skont il-każ;

8. Illi ta' min isemi wkoll l-proċeduri odjerni li nbdew ai termini ta' Artikolu 100(7) tal-Kapitolu 552 tal-Liġijiet ta' Malta, li kemm-il darba jirnexxu 'l-qorti tiddikjara l-pretensjoni bħala waħda infondata; u għalhekk dan ifisser li t-talba tal-Awtorità għal ħlas tal-multa ma tibqax fis-seħħ. Ulterjorament, jiġi sottolineat li din id-deċiżjoni tista' tiġi appellata quddiem il-Qorti tal-Appell, kemm fuq punt ta' fatt kif ukoll liġi. Rigward dan ir-rimedju, kien ir-rikorrent innifsu li għaraf l-effikaċja tiegħu, għaliex kieku kien mod ieħor dan ma kien qatt jipproċedi ai termini ta' dan l-artikolu, iżda minflok kien jipproċedi b'azzjoni ġudizzjarja taħt Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni/Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

9. Huwa ferm ovvju għalhekk li r-rikorrent għad għandu għad-disposizzjoni tiegħu diversi rimedji li jista' jeżwrixxi (petizzjoni ai termini ta' Regolament 5 tal-Liġi Sussidjarja 552.24 kif ukoll dawn il-proċeduri). Huwa opportun li ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>'XNT Limited vs il-Korp għall-analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja u l-Avukat tal-istat'</u>** (300 /2022/2 JVC) deċiża nhar it-18 ta' Novembru 2024:

*'Verament li dak il-jedd huwa fid-diskrezzjoni tal-qorti. Pero' li jsiru dikjarazzjonijiet a priori qabel ma jsir il-proċess quddiem il-Qorti tal-Appell, hu żbaljat. Dan apparti li kull qorti għandha wkoll id-dmir li waqt is-smigħ ta' proċeduri ġudizzjarji, tqis li l-liġi ordinarja tiġi applikata u interpretata b'mod li tkun konformi mal-jedd fundamentali in kwistjoni. Ovvjament, f'dan ir-rigward kien ikun iktar floku li l-proċess quddiem il-Qorti taf-Appell ikun ingħalaq biex wieħed jistħarreġ x'ikun seħħ fir-realtà'*

---

[9] Artikolu 36(4) tal-Kapitolu 551 tal-Liġijiet ta' Malta

10. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, hawn non si trattata' piena kriminali iżda ta' multa amministrattiva. Tali fatt jemerġi minn diversi elementi, inkluż: mill-artikolu li minnu temani l-multa (b) proporzjonalità u massimu fuq il-piena ( ċ) minn jista' jkun id-debitur u ( d) d-dritt ta' rkupru;

11. Rigwardanti l-ewwel punt ta' hawn fuq kif ukoll in konnessjoni ma' dak kontenut fir-rikors għal referenza Kostituzzjonali, għandu jiġi stabbilit li l-multa ta' kuljum ġiet imposta mal-ħrug tal-avviż u sussegwentament segwew il-proċeduri odjerni ai termini ta' Artikolu 100(5) li jirrelata ma' **'dejn ċivili'**. Għalhekk kwalunkwe referenza għal artikolu 103 tal-istess liġi hija rrelevanti billi l-multi ma ġewx imposti ai termini ta' dak l-artikolu;

12. Illi l-ammont tal-multa huwa fattur verament importanti f'dan ir-rigward. Fil-każ odjern l-multa inflitta illum-il ġurnata tlaħħaq erbatax-il elf u disgħin Ewro (€14.090) u dan stante li l-iżvilupp mingħajr permess ippersista fuq is-sit għal perjodu bejn nhar il-11 ta' Diċembru 2018 sal-24 ta' Frar 2020. L-iskeda applikabbli għal każ li għadna hawn quddiemna hija din:

| Skeda ta' Multi għal kull Ġurnata | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | DATA TAN-NOTIFIKA + | | | | |
| | 0-16-il ġurnata | 17-50 ġurnata | 51-180 ġurnata | 181-365 ġurnata | 366 ġurnata jew aktar |
| Kategorija Ċ | xejn | EUR 10 kull jum | EUR 20 kull jum | EUR 40 kull jum | EUR 50 kull jum |

Mill-iskeda riprodatta joħroġ ben ċar li hawn qegħdin nitkellmu fuq multa amministrattiva u mhux intiża biex tikkastiga. Dan jista' jiġi determinat mill-fatt li tali multa ma tibdix takumula mal-ewwel ġurnata anzi persuna notifikata bl-Avviż tingħata ċans sabiex tirrimedja s-sitwazzjoni. Ulterjorament, minn din l-iskeda wieħed anke kapaċi jiddetermina kif il-multa għal kull ġurnata tiżdied b'mod gradwali, li hija wkoll innifisha indikazzjoni ċara ta' proporzjonalità (tant li hemm massimu stabbilit) bejn l-amministrazzjoni tal-ippjanar fl-għanijiet misjuba fl-Artikolu 3 tal-Kapitolu 552 u l-ksur tal-ippjanar li jkun seħħ. Ulterjorament, l-ammont dovut bħala dejn ċivili naxxenti minn multa ta' kuljum ma jistax jiġi konvertit fi priġunerija;

13. Illi emfasi ssir ukoll fuq min jista' jkun debitur f'dan ir-rispett. Li kieku hawn qegħdin nitrattaw multa penali t-tweġiba tkun il-persuna responsabbli għal-att, hawn għadna storja totalment differenti. Di fatti l-liġi rilevanti tistipula li l-ammont jista' jiġi rkuprat mill-persuna responsabbli, sid jew okkupant tal-art. Dan ifisser li l-liġi ma tħarisx biss lejn il-persuna responsabbli, bħal ma jiġri fl-isfera kriminali. Distinzjoni sottili huwa d-dritt ta' rkupru infatti Artikolu 100(5) tal-Kapitolu 552 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi '*bla ħsara għal* ***kull <u>jedd ta' dik il-persuna li tirkuprahom mingħand xi persuna oħra</u>*'**. Fl-isfera kriminali tali dritt ta' rkupru huwa ineżistenti u dan billi proċeduri kriminali huma personali u għalhekk tali distinzjoni sservi ta' sostenn għat-teżi tal-esponenti;

14. Illi mingħajr preġudizzju, huwa ferm nkonsapevoli kif ir-rikorrent jistrieħ b'għajnejh magħluqa fuq is-sentenza fl-ismijiet '<u>Victor Gusman vs l-Avukat tal-Istat et</u>' sabiex jargumenta li jeżistu ċ-ċirkostanzi kif msemmija f'Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni. Tali affermazzjoni qiegħda ssir fid-dawl tal-fatt li l-kaz odjern għadu sub judice, apparti l-fatt ukoll li dak il-każ fih partikolaritajiet differenti li l-anqas biss jinkwadraw fil-każ li għadna hawn quddiemna, inkluż is-segwenti; (a) l-Avviz Biex Tieqaf

u ta' Twettiq fil-każ ta' Victor Gusman ġie appellat (b) fil-każ ta' Victor Gusman kien hemm proċeduri għal izgumbrament bejn dan tal-aħħar u l-inkwilin ( ċ) fil-każ ta' Victor Gusman ir-rikorrent argumenta li huwa kien is-sid tal-art fejn seħħ l-iżvilupp iżda ma kienx huwa li wettqu mentri fil-każ odjern qiegħed jiġi argumentat li r-rikorrent ma għandux konnessjoni mas-sit.

**Għaldaqstant, in vista tas-suespost it-talba tar-rikorrent għal referenza kostituzzjonali għandha tiġi miċħuda u dan taħt kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportun. Bl-ispejjeż."**

wara li semgħet it-trattazzjoni li saret bil-fomm matul is-seduta tas-27 ta' Jannar 2025:

- għan-nom tar-rikorrent, mill-Avukat Dr. Sarah Pirotta Chircop Beck, u
- għan-nom tal-Awtorita' intimata, mill-Avukati Dr. Taddeo Borg u Dr. Katrin Busuttil,

qed tagħti dan id-

## Digriet

### Daħla: kronoloġija tal-fatti

1. F'xi data fis-sena 2018 (data preċiża f'dan l-istadju għad m'hijiex magħrufha għal din il-Qorti) l-Awtorita' intimata ħarġet *Avviż ta' Waqfien u Twettiq* (bin-numru uffiċjali ECF 216/18) fil-konfront tar-rikorrent Mario Pace (kif ukoll fil-konfront ta' ċertu Alex Sammut, Raymond Sammut u John Mary Sammut). L-illegalitajiet elenkati mill-Awtorita' kienu s-segwenti:

> **"Ghandek zvilupp minghajr permess u dan billi nbidel l-uzu ta' l-art minn ghalqa ghal post fejn qieghed jintefa' materjal tal-kostruzzjoni, skrap u materjal iehor, kif ukoll qed jinzammu opri tal-bahar, trailer, kontejner, vetturi u ingenji tal-kostruzzjoni. Filwaqt nehhejt hitan tas-sejjieh u kamra antika (pre 1967) u infetah access gdid."**

2. Il-ħruġ ta' Avviż ta' Waqfien u Twettiq huwa regolat *inter alia* fl-Artikolu 97 tal-Kap. 552 tal-Liġijiet ta' Malta (**<u>L-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp</u>**) illi jipprovdi fost oħrajn illi:

> **'97(4). Jekk lill-Kunsill Eżekuttiv jidhirlu li xi attività u, jew żvilupp ta' art ikun ġie mwettaq wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att mingħajr l-għoti ta' permess meħtieġ f'dak ir-rigward taħt dan l-Att, jew li xi kondizzjonijiet li għalihom permess bħal dak mogħti fir-rigward ta' xi attività u, jew żvilupp kien soġġett ma ġewx imħarsa, il-Kunsill Eżekuttiv jista', wara li jikkunsidra d-dispożizzjonijiet tal-pjanijiet għall-iżvilupp, policies tal-ippjanar u kull konsiderazzjoni oħra ta' sustanza, jinnotifika lis-sid tal-art jew lill-**

**okkupant tal-art jew lill-persuna responsabbli għall-atti msemmija fl-avviż, jew kwalunkwe kombinazzjoni tagħhom kif il-Kunsill Eżekuttiv jidhirlu l-aktar spedjenti, avviż ta' twettiq u s-subartikolu (3) għandu japplika hawn ukoll, billi jeħtieġ li jittieħdu dawk il-passi li jiġu speċifikati fl-avviż fiż-żmien hekk ukoll speċifikat sabiex l-art titreġġa' lura għall-istat li kienet fih qabel ma saret l-attività u, jew l-iżvilupp jew għat-tneħħija ta' żvilupp jew sabiex jiżgura konformità mal-kondizzjonijiet imsemmija qabel, skont kif ikun il-każ, u b'mod partikolari, iżda bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak hawn aktar qabel imsemmi kull avviż bħal dak jista', għall-għanijiet imsemmija, jeħtieġ id-demolizzjoni jew tibdil ta' kull bini jew xogħlijiet, il-waqfien ta' xi użu ta' art, jew li jsiru fuq l-art kull bini jew xogħlijiet oħra ...**

**97(7). Avviż taħt dan l-artikolu jista' jinkludi kombinazzjoni ta' avviż ta' waqfien u avviż ta' twettiq u għandu jkun magħruf bħala avviż ta' waqfien u twettiq. Iżjed minn hekk avviż mogħti skont xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, eskluż it-talba immedjata sabiex twaqqaf jew tipprojbixxi aktar xogħol jew żvilupp jew li tkun teħtieġ il-waqfien tal-użu, għandu jkun effettiv mal-għeluq ta' dak iż-żmien, li ma jkunx inqas minn ħmistax-il ġurnata u mhux aktar minn sittin ġurnata min-notifika tiegħu, kif jista' jiġi speċifikat fl-avviż.**

**97(11) Kull persuna li tħoss ruħha aggravata minn xi avviż notifikat lilha tista' tappella kontra tiegħu lit-Tribunal skont l-Att dwar it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, f'liema każ l-effetti tal-avviż, ħlief it-talba li twaqqaf jew tipprojbixxi aktar attività u, jew żvilupp jew tirrikjedi t-twaqqif ta' użu, għandhom ikunu sospiżi sakemm l-appell jiġi maqtugħ b'mod finali.'**

3. L-Awtorita' imponiet fuq il-persuni konċernati (inkluż ir-rikorrent) l-obbligu li jieqfu immedjatament mill-iżvilupp u minn kull żvilupp ieħor fuq is-sit in kwistjoni u sabiex jreġġgħu kollox kif kien *entro* terminu prefiss lilhom. Inoltre l-Awtorita' infurmat lil-persuni konċernati (inkluż lir-rikorrent) illi l-iżvilupp kien jikkonsisti f'illegalita' li tikkwalifika għall-penali ta' kuljum skont il-liġi taħt Kategorija Ċ.

4. Skont l-Art. 100(4) tal-Kap. 552:

**'100 (4) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet jew regolamenti maħruġa taħt dan l-Att, meta ma jsirx appell minn avviż ta' twettiq u s-sid jew l-okkupant tal-art soġġetta għall-avviż ta' twettiq jew kull persuna responsabbli għall-atti msemmija fl-avviż, jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dak l-avviż ta' twettiq fiż-żmien preskritt fl-avviż ta' twettiq, dik il-persuna għandha tkun obbligata li tħallas multa ta' kuljum li għandha tkun regolata b'regolamenti magħmula mill-Ministru, li ma tkunx teċċedi ħamsin euro (€50) għal kull jum li għandha tapplika mill-jum li dik l-illegalità msemmija fl-avviż ta' twettiq li jkun**

**notifikat, tkompli. Meta l-avviż ikun ġie appellat u l-avviz ta' twettiq ikun ġie kkonfermat mit-Tribunal jew mill-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri), kif ikun il-każ, il-multa ta' kuljum għall-kontinwazzjoni tal-illegalità għandha tkun ikkalkolata mid-data oriġinali notifikata fl-avviż ta' twettiq:**

**Iżda l-Ministru jista' b'regolamenti jippreskrivi dati differenti minn meta l-multi ta' kull jum jibdew jiġu kkalkulati.'**

5. Skont l-Art. 3(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 552.24 (**Regolamenti dwar Multi għal kull Ġurnata u Multi Amministrattivi** li daħlu fis-seħħ permezz tal-Avviż Legali 276 tal-2012, kif emendat):

   **'3. (1) Meta l-Awtorità tagħti avviż bil-miktub lil xi persuna skont l-artikolu 86 jew 88 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal- Iżvilupp fir-rigward ta' ksur li jkun sar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, l-Awtorità għandha tavża wkoll lil dik l-istess persuna li hu jkun qiegħed jiġi soġġett għal multa għal kull ġurnata wara sittax-il ġurnata mid-data tan-notifika tal-avviż kif stabbilit u stipulat fid-dispożizzjonijiet tal-Iskeda.**

6. L-Artikolu 86 tal-**Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp** imsemmi fl-artikolu preċitat (taħt liema Artikolu l-Awtorità kienet toħroġ l-Avviżi ta' Waqfien u Twettiq) huwa analogu għal u ġie suċċedut mill-Art. 97 tal-Kap. 552 tal-Liġijiet ta' Malta (**L-Att dwar L-Ippjanar tal-Iżvilupp**) fuq imsemmi. Għal xi raġuni jew oħra pero l-leġislatur baqa' ma' emendax ir-Regolamenti msemmija sabiex jirriflettu l-liġi li hija fis-seħħ illum. Għalkemm dan in-nuqqas ma' jġibx b'daqshekk in-nullita tal-multi in kwistjoni, madanakollu u kif diġa kellha l-opportunita li tagħmel fil-passat[10], **l-Qorti tħoss illi ikun għaqli illi l-leġislatur jindirizza din l-anomalija sabiex jevita kumplikazzjonijiet bla bżonn**.

7. Jidher illi l-Avviż ġie notifikat lir-rikorrent u dan ma intavola l-ebda appell minnu ai termini tal-Art. 97(11) fuq imsemmi quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar.

[10] Ara **L-Awtorita' tal-Ippjanar v. Christian Camilleri et.** (Rik Nru 54/2019 VA, 14/11/2022, kkonfermata mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fil-15 ta' Settembru 2023 – App nru 54/2019 LM)

8. Skont l-Awtorita' l-iżvilupp mingħajr permess ippersista fuq is-sit għall-perjodu bejn nhar il-11 ta' Diċembru 2018 sal-24 ta' Frar 2020 biex b'hekk akkumulat *ope legis* multa ta' € 14,090 skont l-iskeda segwenti:

| Skeda ta' Multi għal kull Ġurnata | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | DATA TAN-NOTIFIKA + | | | | |
| | 0-16-il ġurnata | 17-50 ġurnata | 51-180 ġurnata | 181-365 ġurnata | 366 ġurnata jew aktar |
| Kategorija Ċ | xejn | EUR 10 kull jum | EUR 20 kull jum | EUR 40 kull jum | EUR 50 kull jum |

9. Fis-17 ta' Mejju 2024, l-ittra uffiċjali mertu ta' din il-proċedura (bin-numru 1915/2024) ġiet intavolata mill-Awtorita' intimata kontra r-rikorrent kif ukoll kontra Alex Sammut u Raymond Sammut, bis-saħħa tal-Art. 100(5), (6) u (7) tal-Kap. 552 li jipprovdu kif ġej:

> **'100(5). L-ispejjeż kollha li raġonevolment isiru mill-Kunsill Eżekuttiv fl-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu taħt dan l-artikolu, jew kull ammont ieħor dovut lill-Awtorità skont xi dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att jew xi regolamenti maħruġin taħt l-istess Att ikunu jistgħu jiġu rkuprati bħala dejn ċivili mill-Awtorità mingħand il-persuna li f'dak iż-żmien tkun sid l-art, jew mingħand l-okkupant tal-art, jew mingħand persuna responsabbli għall-għemil indikat f'xi avviż, inkluż avviż ta' ħlas, jew applikant, bla ħsara għal kull jedd ta' dik il-persuna li tirkuprahom mingħand xi persuna oħra...**
>
> **(6) Meta l-Awtorità tkun trid tagħmel proċeduri ġudizzjarji biex tirkupra dejn dovut lill-Awtorità taħt xi liġi jew regolament li hija jkollha jedd li tenforza, iċ-Chairperson Eżekuttiv jew kull uffiċjal ieħor tal-Awtorità awtorizzat kif imiss miċ-Chairperson Eżekuttiv biex jaġixxi f'ismu, jista' jagħmel dikjarazzjoni bil-ġurament quddiem ir-Reġistratur tal-Qrati jew quddiem uffiċjal awtorizzat li jamministra l-ġurament għal skopijiet ġudizzjarji, fejn huwa jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-dejn u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dan ikun dovut.**
>
> **(7) Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (6) għandha tiġi notifikata lid-debitur permezz ta' att ġudizzjarju u għandu jkollha l-istess effett bħal sentenza finali tal-qorti kompetenti kemm-il darba d-debitur, fi żmien għoxrin ġurnata minn meta ssirlu n-notifika ta' dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix dik it-talba billi jippreżenta rikors fejn jitlob li l-qorti tiddikjara l-pretensjoni bħala waħda infondata.'**

L-ittra uffiċjali tinkludi talba lill-persuni konċernati, inkluż lir-rikorrent, għall-ħlas tas-somma ta' € 14,090 rappreżentanti

> **"ħlas dovut lill-Awtorita' bħala multa għal kull ġurnata (relattiva għal matul il-perjodu bejn il-11 ta' Diċembru 2018 sal-24 ta' Frar 2020) skont Regolament 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 552.24, rigwardanti żvilupp bi ksur tal-kontroll tal-Ippjanar kif speċifikat fl-Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq bin-numru ECF 216/18."**

L-ittra inkluż id-dikjarazzjoni ġuramentata taċ-*Chairman* Eżekuttiv tal-Awtorita', ġiet notifikata lir-rikorrent fis-27 ta' Mejju 2024.

10. Fl-14 ta' Ġunju 2024 ir-rikorrent fetaħ il-kawża odjerna taħt l-Art. 100(7) tal-Kap. 552 tal-Liġijiet ta' Malta quddiem din il-Qorti diversement presjeduta. Il-proċedura hija intiża illi ġġib fix-xejn id-dikjarazzjoni ġuramentata tal-Kap Eżekuttiv tal-Awtorita' intimata annessa mal-ittra uffiċjali fuq imsemmija fis-sens illi huwa (flimkien mal-persuni konċernati l-oħra) għandu jagħtiha s-somma ta' € 14,090 bħala multa komplessiva li ddekoriet skond ir-Regolamenti fuq imsemmija fir-rigward tal-iżvilupp speċifikat fl-Avviż in kwistjoni bejn il-11 ta' Diċembru 2018 u l-24 ta' Frar 2020. F'każ li din il-kawża jkollha eżitu favorevoli għar-rikorrent, tali dikjarazzjoni ġuramentata taqa' fix-xejn. Jekk pero' l-Qorti issib illi l-pretensjoni tal-Awtorita' intimata kif dedotta fl-ittra uffiċjali u fid-dikjarazzjoni ġuramentata annessa magħha hija waħda korretta, hija tiddikjara illi l-istess dikjarazzjoni jkollha l-istess effett bħal sentenza finali tal-qorti kompetenti fil-konfront tar-rikorrent.

11. Ġurnata qabel il-preżentata tal-kawża odjerna, ossia fit-13 ta' Ġunju 2024 il-persuni konċernati l-oħra li kontrihom ġiet intavolata ukoll din l-ittra uffiċjali, ossia' Alex Sammut u Raymond Sammut, ippreżentaw rikors konġunt ukoll taħt l-Art. 100(7) tal-Kap. 552, liema rikors huwa s-suġġett tal-kawża bin-numru 129/2024 pendenti ukoll quddiem din il-Qorti kif presjeduta.

12. Kif ingħad fil-preambolu, bid-digriet tagħha tal-21 ta' Ottubru 2024[11] din il-Qorti diversement presjeduta rrimetiet lura l-atti lir-Reġistratur sabiex dan jgħaddiha lil din il-Qorti kif presjeduta in vista tat-trasferiment tagħha fuq talba tal-partijiet li xtaqu li tkun din il-Qorti li tisma' din il-kawża flimkien mal-kawża l-oħra 129/2024 li kienet ġiet intavolata ġurnata qabel tagħhom. Sussegwentement il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta bl-ordni tal-STO Prim Imħallef tal-4 ta' Novembru 2024[12] u din il-Qorti rriappuntat il-kawża għat-18 ta' Novembru 2024

---

[11] Fol 21
[12] Fol 22

permezz tal-ordni *in camera* magħmul skont l-Art. 173(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta[13].

13. Ġara illi fl-10 ta' Diċembru 2024, sussegwentement għall-ewwel eċċezzjoni tiegħu, ir-rikorrent ippreżenta rikors li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tagħmel riferenza kostituzzjonali lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) ta' kwistjonijiet li skont ir-rikorrenti jledu d-drittijiet fundamentali tiegħu[14]. L-Awtorita' intimata ppreżentat ir-risposta tagħha fl-10 ta' Jannar 2025[15] u wara li semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-partijiet fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2025, il-Qorti ħalliet ir-rikors għad-digriet fuq jekk għandiex tirreferi l-kwistjoni lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali).

14. Id-digriet odjern huwa għalhekk maħsub sabiex tingħata deċiżjoni dwar jekk il-Qorti għandhiex tilqa' t-talba tar-rikorrent illi tirriferi l-kwistjonijiet imqanqla lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) ai termini tal-Art. 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Art. 4(3) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja.

**Kunsiderazzjoni dwar il-proċedura odjerna**

15. Skont l-Art. 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta:

    **'46 (3) Jekk f'xi proċeduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin), dik il-qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja; u dik il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni mibgħuta quddiemha skont dan is-subartikolu u, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni.**

    **...**

    **(5) Ma jkunx hemm appell minn xi deċiżjoni skont dan l-artikolu li xi talba jew it-tqanqil ta' xi kwistjoni tkun sempliċement frivola jew vessatorja.'**

16. L-istess Art. 46(3) u (5) huma riprodotti fl-Art. 4(3) u (5) tal-Kap. 319 (**'L-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja'**) fir-rigward tal-allegat ksur ta' xi wieħed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali kif definiti fl-istess Att.

---

[13] Fol 23
[14] Fol 28-33
[15] Fol 34-40

17. Inoltre jekk il-Qorti ssib li għandha tirreferi l-kwistjoni lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), japplika imbagħad il-provvediment tal-Art. 5(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09 ('**<u>Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni</u>**'):

> **'5.(1) Fil-każijiet imsemmija fl-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, fl-artikolu 4(3) ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea u fl-artikolu 95(2)(b) tal-Kostituzzjoni ta'Malta, l-ordni li bih kwistjoni tiġi mibgħuta għandu jkun fih b'mod konċiż u ċar <u>il-fatti u ċ-ċirkostanzi li minnhom il-kwistjoni tinħoloq</u>, <u>it-termini ta' dik il-kwistjoni</u>, u jindika liema hi d-disposizzjoni jew liema huma <u>d-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta</u> jew tal-<u>Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali</u>, kif ikun il-każ, li jkunu allegatament ġew miksura.'**

18. Kif ingħad minn Prof Tonio Borg fil-pubblikazzjoni "Id-Dritt" ta' Mejju 2022[16]:

> "It is ... evident that a superficial reading of this sub-article shows that as a rule, the court before which the issue is raised must *('shall')* refer the matter to the court of constitutional jurisdiction. It is only exceptionally that it blocks such reference; owing to the fact that the issue raised is *'merely frivolous or vexatious'.*
>
> The temptation which may befall a *'referring'* court is to decide indirectly the merits of the case. Not being a court of constitutional jurisdiction, that *'other court'* should refer the matter to the Civil Court (First Hall), even if it disagrees with the contents of the issue raised. It can only block the reference if it feels that the raising of the issue is *'merely frivolous or vexatious'.*
>
> The word *'merely'* indicates that only in exceptional circumstances – when there is absolutely no legal foundation to the raising of the human rights issue - should the court block a reference to the court of constitutional jurisdiction."

19. Fil-provvediment mirqum mogħti minn din il-Qorti fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v. Artan Coku</u>** (QMK, Nru 2837/2023, Maġistrat Joseph Gatt, 19/05/2023) ingħad is-segwenti:

> "Tassew, huma essenzjalment tnejn l-eżamijiet rikjesti sabiex Qorti tkun sodisfatta li għandha tirreferi dik il-kwistjoni.

[16] Borg, T. (2022). The reference question in human rights cases. Id-Dritt, 32, 177-191

Illi fl-ewwel lok, it-talba magħmula trid tkun intrinsikament u materjalment konnessa mal-proċeduri pendenti, għaliex altrimenti il-provokazzjoni tar-referenza tkun waħda inutili. Dan għaliex l-għan tal-proċedura misjuba fl-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4(3) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta m'huwiex li jiġi dibattut xi punt akkademiku biss.

Illi fit-tieni lok, m'għandhiex issir referenza jekk, fil-fehma tal-Qorti dik it-talba ma tkunx waħda sempliċiment frivola u vessatorja.

...

Illi b'hekk, kull qorti li mhijiex il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali li tagħżel li għandha tibgħat mistoqsija skond l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u/jew l-artikolu 4(3) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta għandha tkun konvinta li dak l-eżerċizzju huwa bżonnjuż, jista' jkun t'utilità u li jista' jħalli l-frott.

Għal din il-Qorti, il-kriterji neċessarji huma kumultattivi fin-natura tagħhom, fis-sens li jista' jagħti l-każ li t-tqanqil ta' xi kwistjoni tkun verament intrinsikament konnessa mal-proċeduri pendenti, iżda xorta waħda tkun frivola u vessatorja għaliex ma tkunx meħtieġa."

20. Dwar x'ifissru l-kliem *"sempliċiment frivola jew vessatorja"* ingħad is-segwenti mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet: **Joseph u Alexandar Ciantar v. L-Onorevoli Prim Ministru** (QK, 10/05/1995):

""hawnhekk, "semplicement", tfisser li t-tqanqil tal-kwistjoni biex issir referenza, jew it-talba fir-rikors quddiem il-Prim' Awla - ikunu, mal-ewwel jidhru li huma vani, nieqsa mis-serjeta, manifestament nieqsa mis-sens, u ma jisthoqqilhomx attenzjoni ... u dan kollu b'mod tant car illi mhux raġonevolment possibbli li jigi kontestat, li dak it-tqanqil u dik it-talba huma effettivament frivoli u l-istess ghandu jingħad ghall-konkluzjoni l-ohra ta' vessatorjeta' fejn tant ma jkunx hemm ragunijiet suffiċjenti biex isostnu t-tqanqil jew it-talba, illi allura l-motivazzjoni li ghalihom sar tkun li ddejjaq u tirrita lill-kontro-parti (ibid)"

21. Ingħad ukoll illi:

- "... ma jfissirx li kull meta tinqala' kwistjoni li tista' tmiss ma' jedd fundamentali, il-qorti għandha tagħlaq għajnejha u taqbad u tibgħat kwistjoni lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili bl-addoċċ jew kif ġieb u laħaq. **Jekk il-kwistjoni tkun dwar xi ħaġa li taqa' fl-obbligi ta' dik il-qorti, ir-referenza m'għandhiex issir**."[17]

[17] **Il-Pulizija v. Miloud Elforjani** (PAK, Nru 115/2022 Imħallef Christian Falzon Scerri, 16/05/2022)

- "Meta tqum kwistjoni ta' riferenza huwa dover tal-gudikant li qabel jaghmel l-Ordni l-ewwel jara l-kwistjoni hiex kontemplata fil-ligi ordinarja u, jekk hija, hemmx rimedju ghall-allegata irregolarita' ... **Id-dover tal-Qorti ghalhekk huwa, li meta tista', tapplika r-rimedju ordinarju u mhux taghmel l-ordni ta' riferenza**"[18]

- "qorti għandha toqgħod kemm jista' jkun lura milli tagħmel referenza kostituzzjonali jekk quddiemha titqajjem **kwistjoni ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali li bħalha tkun tqajmet qabel**, u fejn dik il-kwistjoni tkun diġà tqieset mill-ogħla qorti kompetenti u tat il-provvedimenti tagħha dwarha (ara ***J.G. Systems Ltd. v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2010 u ***Il-Pulizija v. Jean Piere Borġ*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti (Sede Kostituzzjonali) fil-25 ta' Ottubru, 2016). Tassew ma jidhirx li jkun hemm għalfejn li qorti oħra għandha tirreferi l-każ mill-ġdid lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kull darba li tqum quddiemha kwistjoni bħal dik, sakemm il-kwistjoni ma tkunx tqanqal xi punt ġdid. Ikun xieraq li l-qorti li quddiemha titqanqal il-kwistjoni tieħu qies tad-direzzjoni murija mill-qorti ta' kompetenza kostituzzjonali dwar kwistjoni bħal dik u timxi ma' dik id-direzzjoni indikata fil-każ li jkollha quddiemha. B'daqshekk, ma jfissirx li dik il-qorti tkun qiegħda żżomm għaliha kompetenza li mhijiex tagħha, iżda biss li tkun qiegħda tapplika u tħaddem il-liġi fl-għarfien ta' punti li jkunu ġew stabbiliti mill-qorti kompetenti ..."[19]

- "referenzi kostituzzjonali mhumiex maħsuba biex isiru għall-għanijiet akkademiċi iżda biex jiġu solvuti intoppi li jinqalgħu f'kawżi ordinarji...Minħabba f'hekk, il-qorti riferenti għandha tkun għaqlija u prudenti biżżejjed meta tiġi biex tiddeċiedi jekk għandhiex tibgħat kwistjoni lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew le. Il-qorti riferenti trid tkun ċerta li dik ir-referenza hija tabilħaqq meħtieġa sabiex hija tkun tista' tkompli twettaq ħidmietha. Referenza kostituzzjonali/konvenzjonali li ma tkunx ħa tħalli l-frott fl-eżitu tal-proċeduri quddiem il-qorti riferenti m'għandhiex issir mill-ewwel (ara **Director of Public Registry v. Ahmad Aziz** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar, 2022)"[20]

## Kunsiderazzjoni dwar it-talba tar-rikorrent

22. Fir-rikors għal riferenza kostituzzjonali r-rikorrent jargumenta illi d-dispożizzjonijiet legali li abbażi tagħhom l-Awtorita tal-Ippjanar qiegħda issejjes it-talba tagħha, ossia l-Art. 97 u 100 tal-Kap. 552 u r-Regolament 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 552.24, jledu d-drittijiet fundamentali tal-bniedem tiegħu fis-sens illi:

---

[18] **Il-Pulizija v. Belin sive Benigno Saliba** (QK, 10/04/1991)
[19] **Il-Pulizija v. Miloud Elforjani** (PA(K), Nru 115/2022 CFS, 16/05/2022)
[20] *ibid*

1. L-impożizzjoni ta' **multa** mill-Awtorita' intimata jledi d-dritt fundamentali tiegħu ta' smiegħ xieraq fi żmien raġjonevoli minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi, sanċit taħt l-Art. 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Art. 6(1) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, billi l-istess **Awtorita' intimata m'hijiex "qorti"**, u

2. L-poter mogħti bil-liġi lill-Awtorita' intimata li toħroġ avviż ta' waqfien u twettiq (u per konsegwenza l-poter li timponi multa) kontra **sid** ta' sit li fuqu jsir żvilupp illegali, irrispettivament mill-fatt li dak is-sid ma jkollux kontroll jew pussess ta' ħwejjġu u mill-fatt jekk l-iżvilupp illegali sarx bi jew kontra l-kunsens jew ir-rieda tiegħu, jledi d-dritt fundamentali tiegħu li kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi **preżunt li jkun innoċenti sakemm jinstab ħati** tiegħu, sanċit taħt l-Art. 39(5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Art. 6(2) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, billi **bħala sid m'għandu ebda mezzi legali sabiex jegħleb u jirribatti l-presunzjoni legali maħluqa bis-saħħa tal-Art. 97(4) tal-Kap. 552.**

*Kap wieħed: multa imposta minn Awtorita' li m'hijiex Qorti*

23. F'dan ir-rigward ir-rikorrent jgħid illi l-Kunsill tal-Awtorita' tal-Ippjanar la huwa tribunal ġudizzjarju indipendenti u wisq anqas Qorti u li m'hemmx dritt ta' appell mill-multa imposta. F'dan is-sens jiċċita s-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Victor Gusman noe et v. L-Avukat ta' l-Istat et.** (PAK, Rik Nru 25/2021 MS, 30/05/2024), liema sentenza għadha suġġett għall-eżitu finali mill-Qorti Kostituzzjonali.

24. Fis-sentenza msemmija jingħad fost oħrajn dak li ġej:

> " 23 ...l-ilmenti tar-rikorrenti nomine jistgħu jinġabru taħt żewġ kapi. L-ewwel kap jirrivolvi madwar l-ilment li l-impożizzjoni ta' multa kwotidjana mill-Awtorità intimata huwa ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea,billi dik il-multa min-natura tagħha hija ta' natura kriminali, u b'hekk huwa neċessarju li tiġi mposta minn "qorti", u mhux minn awtorità pubblika bħal ma hija l-Awtorità ntimata.
>
> ...

40 **...** l-qorti tosserva illi l-multi li dwarhom qed jilmenta r-rikorrenti jiġu mposti mhux mal-ħruġ tal-avviż, imma wara d-dekors taż-żmien indikat fl-avviż sabiex isir dak ordnat fl-istess avviż. **Għalhekk il-multi in kwistjoni huma essenzjalment konsegwenza tan-nuqqas t'osservanza tal-avviż, u mhux konsegwenza tal-avviż innifsu jew tal-iżvilupp illegali li jkun wassal għall-ħruġ tal-avviż.** Issa skont l-artikolu 103(1)(ċ) tal-Att dwar l-Ippjanar:

Kull min –

…

(ċ) wara li jkun ġie notifikat b'avviż ta' twettiq jew avviż ieħor skont l-artikoli 56, 97, 98 jew 99 jonqos milli jħares xi waħda mill-ħtiġiet ta' dak l-avviż fiż-żmien speċifikat fih;

…

ikun ħati ta' reat kontra dan l-Att u meta jinstab ħati, jeħel multa ta'mhux inqas minn elf u ħames mitt euro (€1,500) u mhux aktar minn mitt elf euro (€100,000), u dwar reat taħt il-paragrafu (d) jew, fil-każ ta' reat taħt il-paragrafu (ċ), jekk ir-reat ikompli għal aktar minn tliet xhur, ukoll għal priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tliet xhuru mhux iżjed minn tliet snin...

41. Il-multi li qed jilmenta minnhom ir-rikorrenti nomine jiġu mposti konsegwenzjalment għall-ħruġ t'avviż taħt l-artikolu 97 tal-Att dwar l-Ippjanar u huma regolati mid-dispożizzjonijiet tal-Avviż Legali 276 tal-2012, kif sussegwentement emendat. Dawn il-multi jkunu imponibbli kemm-il darba l-persuna li fil-konfront tagħha jinħareġ l-avviż ma jneħħix l-iżvilupp illegali fiż-żmien mogħti lilu fl-avviż. Dan għalhekk ifisser li l-multi kwotidjani huma konsegwenza tan-nuqqas ta' dik il-persuna li tħares «…*xi waħda mill-ħtiġiet ta' dak l-avviż fiż-żmien speċifikat fih*…», **liema nuqqas huwa espressament klassifikat bħala reat kriminali taħt il-liġi domestika**."

...

43. Din il-fehma tal-qorti hija ulterjorment fortifikata mit-tieni subinċiż tal-artikolu 103 tal-Att dwar l-Ippjanar li jgħid ukoll hekk:

"Il-Qorti, minbarra l-għoti tal-piena msemmija fis-subartikolu (1), għandha tordna lill-ħati sabiex ineħħi dak li jikkostitwixxi r-reat u li jreġġa' lura kull ħaġa li tkun saret mingħajr permess jew li jħares il-kondizzjonijiet imposti fil-permess, skont il-każ, fi żmien biżżejjed għal dak l-iskop, iżda f'ebda każ f'aktar minn tliet xhur mid-data tas-sentenza, kif jiġi stabbilit mill-qorti; u, jekk il-ħati jonqos milli jħares xi ordni bħal dak fiż-żmien hekk stabbilit, jeħel multa ta' mhux inqas minn ħamsin euro (€50) u mhux iżjed minn mitt euro (€100), kif il-qorti tista' tistabbilixxi, għal kull ġurnata li n-nuqqas ikompli wara li jiskadi l-imsemmi żmien u tista' tordna wkoll il-modifika, sospensjoni jew revoka ta' xi awtorizzazzjoni jew permess."

44. Dan ukoll huwa l-effett maħsub taħt id-dispożizzjonijiet ilmentati mir-rikorrenti nomine, u jkomplu jikkonfermaw li l-fatt li għalih qed jiġu mposti l-multi kwotidjani, u ċjoè n-nuqqas tar-rikorrenti nomine li jobdi l-avviż fiż-żmien mogħti lilu, huwa klassifikat mil-liġi ordinarja bħala offiża kriminali.

45. La darba għalhekk l-offiża in kwistjoni hija kriminali min-natura tagħha, tiġbed lejha l-applikazzjoni tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni kif ukoll tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

46. Issa skont l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni:

(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.

L-artikolu 6(1) (tal-Konvenzjoni Ewropeja) jgħid:

"Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi…"

48. Huwa ċar li l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni jrid li min jiġi mixli b'reat kriminali għandu jingħata smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli quddiem **<u>qorti</u>** indipendenti u mparzjali mwaqqfa b'liġi. Il-kelma "qorti" hija fl-artikolu 47(1) tal-Kostituzzjoni mfissra bħala «*kull qorti f'Malta li ma tkunx qorti mwaqqfa bi jew skont liġi dixxiplinarja u fl-artikoli 33 u 35 ta' din il-Kostituzzjoni tinkludi, dwar reat kontra liġi dixxiplinarja qorti hekk imwaqqfa*». Il-ġurisprudenza dejjem u konsistentement qieset illi l-kelma "qorti" fil-Kostituzzjoni tirreferi biss u unikament għall-Qrati Superjuri u għall-Qrati Inferjuri (ara, per eżempju, ***Il-Pulizija vs. Emanuel Vella***, Qorti Kostituzzjonali, 28/6/198327; ***Aġent Kummissarju ta' l-Artijiet vs. Ignatius Licari noe***, Qorti Kostituzzjonali, 30/6/2004; ***Anthony Grech vs. Claire Calleja et***, Qorti Kostituzzjonali, 29/2/2008, fost oħrajn diġà ċitati).

**<u>49. Huwa ċert li l-Awtorità intimata u t-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar ma jidħlux fit-tifsira ta' "qorti".</u>** (emfasi u sottolinear minn din il-Qorti)

**<u>50. Isegwi minn dan kollu li l-liġi ordinarja meta tagħti lill-Awtorità intimata l-fakultà u s-setgħa li tiddeċiedi li timponi multi "amministrattivi" għal fatt li huwa minn dik il-liġi ordinarja stess klassifikat bħala reat kriminali, qiegħda tikser il-ħtiġiet tal-artikolu 39(1).</u>**

(emfasi u sottolinear minn din il-Qorti) Il-liġi ordinarja stess, permezz tal-artikolu 103(4) tal-Kapitolu 552, teżiġi li proċedimenti għal reat kriminali taħt l-ewwel subinċiż – kompriż allura dak konsistenti min-nuqqas li dwaru r-rikorrenti nomine ġew soġġetti għall-multa kwotidjana – għandhom isiru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Dan huwa konformi ma' dak li jrid l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni...

...

**<u>52. Għalhekk il-qorti qed issib li r-rikorrenti nomine tassew kellu raġun jilmenta li l-artikoli 97 u 100, fil-partijiet rilevanti tagħhom ċitati aktar qabel, kif ukoll id-dispożizzjonijiet rilevanti wkoll ġjà ċitati mil-liġi sussidjarja, huma inkonsistenti mal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni</u>.**" (emfasi u sottolinear minn din il-Qorti)

25. L-Awtorita' intimata argumentat fit-trattazzjoni *inter alia* illi:

i. m'huwiex il-każ illi m'hemmx lok għal appell mill-multa quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jew quddiem xi Qorti,

ii. filfatt hemm rimedji ordinarji oħra li jindirizzaw dawn il-lanjanzi fosthom petizzjoni ai termini tar-Reg. 5 tal-Liġi Sussidjarja 552.24 quddiem l-istess Tribunal u appell mid-deċiżjoni fuq tali petizzjoni quddiem il-Qorti tal-Appell (Inferjuri), appell quddiem it-Tribunal innifsu ai termini tal-Art. 36 tal-Kap. 551, kif ukoll l-azzjoni odjerna nnifisha li minnha stess r-rikorrent għandu d-dritt t'appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Inferjuri),

iii. Il-multa in kwistjoni m'hijiex waħda ta' natura kriminali billi mhux intiża biex tikkastiga, iżda hija multa amministrattiva determinata skond l-Iskeda elenkata fil-Leġislazzjoni Sussidjarja relattiva. Tant hu hekk illi l-multa tista' toħroġ anke kontra persuna li m'hijiex responsabbli kriminalment għall-att, ossia kontra s-sid.

iv. Is-sentenza kwotata fl-ismijiet '**<u>Victor Gusman vs l-Avukat tal-Istat et</u>**' għadha *sub-judice* u l-fattispece tagħha huma differenti fosthom billi l-avviż ta' waqfien u twettiq kien ġie appellat (b'kuntrast mal-każ odjern), is-sidien kienu f'proċeduri ta' żgumbrament kontra l-inkwilini, is-sidien kienu qed jargumentaw li huma kienu sidien iżda ma kienux responsabbli għall-aġir impunjat mentri fil-każ odjern ir-rikorrent qed jgħid li m'għandu l-ebda konnessjoni mas-sit.

*Kap tnejn: l-ebda possibilità għar-rikorrent illi jegħleb l-presunzjoni legali maħluqa bis-saħħa tal-Art. 97(4) u l-Art. 100(4) tal-Kap. 552*

26. F'dan ir-rigward l-argument tar-rikorrent huwa li filwaqt li l-Awtorita' intimata għandha l-poter (u filfatt qed teżerċitah) illi ai termini tal-Artikolu 100(5) tal-Kap.

552 tirkupra bħala dejn ċivili mis-sid tal-art multa li tkun imponiet ai termini tal-Art. 100(4) tal-Kap. 552, is-sid m'għandu l-ebda mezz legali sabiex jegħleb u jirribatti l-preżunzjoni maħluqa bis-saħħa tal-artikolu 97(4) tal-Kap. 552. Dan għaliex it-Tribunal jista' biss jeżamina jekk l-iżvilupp in kwistjoni (i) sarx bis-saħħa ta' permess validu taħt xi liġi, u (ii) sarx b'ħarsien lejn il-kondizzjonijiet ta' dak il-permess.

27. Ta' min jgħid li fis-sentenza fuq ċitata '**Victor Gusman vs l-Avukat tal-Istat et**' il-Qorti stħarrġet ukoll din il-kwistjoni:

> "23... It-tieni kap tal-ilmenti tar-rikorrenti nomine jirrigwardaw il-fatt li l-leġiżlazzjoni mpunjata tagħti lill-Awtorità intimata l-fakultà li toħroġ avviż ta' waqfien u twettiq, u per konsegwenza l-fakultà li timponi multa, kontra sid ta' sit li fuqu jsir żvilupp illegali, irrispettivament mill-fatt li dak is-sid ma jkollux kontroll jew pussess ta' ħwejġu, u rrispettivament mill-fatt jekk l-iżvilupp illegali sarx bi jew kontra l-kunsens jew ir-rieda tiegħu. Dan kollu, jgħid ir-rikorrenti nomine, jikser id-dritt fundamentali għall-preżunzjoni tal-innoċenza kontenut fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.
>
> ...
>
> 56. Diġà rajna li bis-saħħa tal-artikolu 97(4), l-Awtorità intimata tista' toħroġ avviż kontra l-persuna responsabbli għall-atti nnifishom u,jew kontra s-sid u,jew kontra l-okkupant ta' sit fejn ikun qed isir żvilupp illegali wara d-dħul fis-seħħ tal-Att dwar l-Ippjanar. Il-liġi tagħti lill-Awtorità tal-Ippjanar id-diskrezzjoni jekk toħroġx l-avviż kontra xi wieħed minn dawn il-persuni jew kontra lkoll kemm huma.
>
> 57. Diġà rajna wkoll li għall-każ ta' azzjoni taħt l-artikolu 97(4) tal-Att dwar l-Ippjanar, japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, la darba l-fatti li minħabba fihom (a) jinħareġ avviż ta' waqfien
> u ta' twettiq u (b) jiġu mposti l-multi, huma espressament klassifikati bħala reati kriminali taħt il-liġi ordinarja mpunjata.
>
> 58. Issa skont l-artikolu 11(1)(ċ) tal-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (Kapitolu 551 tal-liġijiet ta' Malta), kif ukoll skont l-artikolu 97(1) tal-Att dwar l-Ippjanar, il-persuna li fil-konfront tagħha jinħareġ tali avviż għandha dritt t'appell quddiem it-Tribunal imsemmi, kemm fuq punti ta' fatt u kemm fuq punti ta' dritt. Madanakollu, l-artikolu 36(1) tal-Kapitolu 551 tal-liġijiet ta' Malta jipprovdi wkoll:
>
> > Meta jiġu ppreżentati appelli minn xi persuna li tħoss ruħha aggravata minn xi avviż ta' waqfien jew infurzar notifikat lilha skont l-artikoli 97, 98 u 99 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, it-Tribunal:

(a) jekk ikun sodisfatt li jkun ingħata permess taħt l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, jew taħt xi liġi oħra li kienet fis-seħħ qabel l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp u li kienet tirregola l-attività inkwistjoni jew permessi tal-bini, għall-attività jew żvilupp li l-avviż ikun jirreferi għalih, jew li ebda permess ma kien meħtieġ fir-rigward tiegħu, skont il-każ, u li l-kondizzjonijiet li taħthom ingħata l-permess ikunu ġew imħarsa, għandu jannulla l-avviż li dwaru jkun sar l-appell jew dik il-parti tiegħu li dwarha t-Tribunal ikun sodisfatt kif imsemmi qabel;

(b) f'kull każ ieħor, għandu jiċħad l-appell:

Iżda t-Tribunal għandu jordna lill-Awtorità tal-Ippjanar sabiex tbiddel l-avviż jekk huwa jqis li mhux l-illegalitajiet kollha elenkati fid-deskrizzjoni dettaljata fl-avviż huma illegali jew li wħud mill-illegalitajiet ġew imneħħija.

59. Skont din id-dispożizzjoni, it-tribunal vestit bil-kompetenza esklussiva li jisma' u jaqta' appelli ta' persuni li fil-konfront tagħhom jinħareġ avviż taħt l-artikolu 97 għandu biss jeżamina jekk l-iżvilupp in kwistjoni (i) sarx bis-saħħa ta' permess validu taħt xi liġi, u (ii) sarx b'ħarsien lejn il-kondizzjonijiet ta' dak il-permess. Il-liġi tgħid espressament li, f'kull każ ieħor, l-appell għandu jiġi miċħud.
**60. Kif qed taraha din il-qorti, ir-rikorrenti nomine kien, b'effett tal-liġi ordinarja, prekluż milli jiddefendi ruħu kontra l-avviż in kwistjoni billi juri, per eżempju, li l-iżvilupp illegali ma sarx minnu, u li dak l-iżvilupp sar mingħajr il-kunsens tiegħu u bi ksur tal-kondizzjonijiet imposti minnu fuq id-detentur tas-sit. Kif qed taraha din il-qorti, is-sid tal-proprjetà huwa mġiegħel iġorr il-konsegwenzi ta' għemil imwettaq minn terzi mingħajr ebda opportunità sabiex huwa jiskolpa ruħu. Konsegwenzi li kif rajna jammontaw għal offiża ta' natura kriminali u jwasslu għalhekk għal sanzjonijiet ta' natura kriminali.**
(emfasi u sottolinear minn din il-Qorti).

...

63. Huwa fatt li l-ħolqien ta' preżunzjonijiet ta' ċerti fatti kontra l-akkużat mhux neċessarjament ixellfu jew idgħajjfu l-preżunzjoni tal-innoċenza, kemm-il darba dawk il-preżunzjonijiet ikunu *juris tantum* u ċjoè jammettu l-prova kuntrarja.
...
65. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ odjern, il-qorti ssib li l-artikolu 97(4) joħloq ukoll preżunzjoni ta' responsabbilità fuq is-sid fir-rigward ta' żvilupp illegali mwettaq fi ħwejġu. Din il-qorti ma jidhrilix li dik il-preżunzjoni ta' fatt hija, minnha nnifisha, inġusta jew illeġittima. Wara kollox, huwa leġittimu li proprjetarju jkun preżunt li huwa konoxxenti jew addirittura konsenzjenti dwar dak li qed isir fi ħwejġu.

**66. Dak li l-qorti qed issib oġġezzjonabbli fit-termini tal-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni huwa li s-sid m'għandu ebda mezz legali sabiex jegħleb u jirribatti l-preżunzjoni maħluqa bis-saħħa tal-artikolu 97(4). Mhux talli l-liġi ma tipprovdi ebda mezz kif is-sid jeskulpa ruħu, talli l-liġi espressament tiċċirkoskrivi l-eżami li jista' jsir mit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar għal materji oħra, u l-imsemmi tribunal huwa mpedut mil-liġi li tikkostitwih li jidħol fi kwistjonijiet ta' responsabbilità. Huwa dan in-nuqqas li, fil-fehma tal-qorti, jikser dak li jipprovdi l-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni**(emfasi u sottolinear minn din il-Qorti).

67. Din in-nuqqas ta' konsistenza ma kinitx tkun teżisti kieku l-liġi ordinarja kienet tippermetti lis-sidien li kontra tagħhom jinħareġ avviż taħt l-artikolu 97(4) l-opportunità li bil-mezz ta' provi jeskulpaw ruħhom billi juru, ngħidu aħna, li (i) l-iżvilupp ma sarx minnhom; (ii) l-iżvilupp ma sarx bil-kunsens tagħhom; (iii) l-iżvilupp sar bi ksur ta' kondizzjonijiet minnhom imposti fuq id-detentur tas-sit; u (iv) s-sid ħa l-passi kollha raġjonevoli sabiex l-iżvilupp ma jsirx jew jitreġġa' lura. Minn dan kollu però fil-liġi attwali ma hemm xejn.

68. Din il-qorti għalhekk qed issib li l-fatt li sid huwa espost għal sanzjonijiet "penali", kif ġjà misjuba aktar qabel f'din id-deċiżjoni, sempliċiment għaliex huwa sid ta' proprjetà, effettivament tikkostitwixxi preżunzjoni ta' fatt kontra dak is-sid li m'hijiex minnha nnifisha leżiva tal-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni. Billi madanakollu s-sid mhux mogħti l-opportunità li jirribatti l-effetti ta' dik il-preżunzjoni billi jressaq provi ta' fatti oħrajn bl-iskop li jeskulpa ruħu, dik il-preżunzjoni tassumi karattru *jure et de jure*, li għalhekk tikkozza ma' dak li jipprovdi l-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni."

28. Il-Qorti tistqarr illi għalkemm għandha ċertu riservi bil-lanjanzi mressqa, kemm minn naħa u kemm minn oħra, madanakollu hija konxja illi ma tistax taqa' għat-tentazzjoni illi tistħarreġ il-mertu tal-kwistjonijiet. Xogħolha f'din il-proċedura huwa biss illi tikkunsidra jekk it-talba magħmulha (i) hijiex intrinsikament u materjalment konnessa mal-proċeduri pendenti, u (ii) jekk hijiex sempliċiment frivola jew vessatorja.

29. Dwar l-ewwel element, l-intimata targumenta illi dan m'huwiex sodisfatt billi fil-fehma tagħha l-multa li weħel ir-rikorrent skattat man-notifika lilu tal-Avviż lura fl-2018 u għalhekk il-kwistjoni ma qamitx fil-proċeduri pendenti. In sostenn l-intimata tiċċita digriet mogħti minn din il-Qorti fl-ismijiet **Awtorità tal-Ippjanar vs MFF Ltd' (305/2018)**. Il-Qorti ma kellhiex viżibilità ta' dan id-digriet u għalhekk ma tistax tikkummenta fuqu. Però bla tlaqliq tistqarr illi ma taqbilx mal-argument li qed tipprova tqajjem l-intimata. Il-fatt biss illi s-suġġett tat-talba għal riferenza (f'dan il-każ, il-multa imposta fuq ir-rikorrent) jkun qam jew avvera ruħu qabel il-proċeduri ġudizzjarji bl-ebda mod ma jfisser illi t-talba ma tkunx intrinsinkament u

materjalment konnessa mal-proċeduri. Kieku dan kien il-każ, diversi talbiet għal riferenza kostituzzjonali huma destinati li jfallu dan it-test simplistiku. Biex jinġieb eżempju wieħed biss, bl-istess raġunament l-ebda Qorti ma kienet tkun tista' titlob riferenza kostituzzjonali dwar l-ammissibilita' o meno ta' stqarrija mogħtija minn imputat snin **qabel** il-ftuħ ta' proċeduri penali, li kieku kellu jitqies illi s-suġġett m'huwiex intrinsikament marbut ma' dawk il-proċeduri sempliċiment għaliex ma skattax matul l-istess proċeduri. Fil-każ odjern, għalkemm il-multa ġiet imposta snin qabel il-bidu tal-proċeduri pendenti, madanakollu ftit li xejn jista' jkun hemm dubbju illi l-kwistjoni dwar il-validita' kostituzzjonali tagħha hija intrinsikament u materjalment marbuta mal-azzjoni tar-rikorrent.

30. Dwar it-tieni element, m'huwiex kontestat illi ż-żewġ kwistjonijiet imressqa mir-rikorrent fit-talba tiegħu għal riferenza kostituzzjonali kienu tressqu diġà quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-sentenza '**Victor Gusman vs l-Avukat tal-Istat et**'. Il-Qorti tqis illi mhuwiex biżżejjed illi l-kwistjonijiet li dwarhom tintalab riferenza jkunu serji, iżda huwa neċessarju ukoll illi anke t-**tqanqil tagħhom** ma tkunx frivola jew vessatorja partikularment fid-dawl tal-ġurisprudenza stabbilita.

Il-fatt biss illi l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili f'**Gusman** rat li l-kwistjonijiet – li irrispettivament minn dak li qalet l-intimata huma sostanzjalment l-istess bħal dik odjerna (anke jekk il-fattispecie ivarjaw fil-mertu) – kien ħaqqhom eżami u deċiżjoni, allura dak l-atteġġjament stess jeskludi sejbien li l-kwistjonijiet imqajjma huma sempliċiment frivoli u vessatorji. Żgur m'huwiex il-każ illi l-kwistjonijiet imqanqla jidhru mal-ewwel li huma *vani, nieqsin mis-serjeta', manifestament nieqsa mis-sens jew li ma jistħoqqilhomx attenzjoni* jew li l-motivazzjoni għalihom hija dik illi *ddejjaq u tirrita lill-kontroparti.*

Biss il-Qorti trid tikkunsidra ukoll jekk it-talba f'dan l-istadju tal-proċeduri sabiex il-Qorti tirreferi l-kwistjonijiet lill-qorti ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali, hijiex ukoll waħda sempliċiment frivola jew vessatorja.

Kif ingħad f' **Elforjani**, m'għandiex issir Ordni ta' Riferenza jekk il-kwistjoni ta' xejra kostituzzjonali tkun waħda li bħalha diġà tkun tqajmet waħda qabel u tkun diġà tqieset mill-ogħla qorti kompetenti.

Huwa minnu li ż-żewġ kwistjonijiet kostituzzjonali mressqa mir-rikorrent ġew deċiżi b'sentenza li għadha suġġetta għall-konferma jew tħassir mill-Qorti Kostituzzjonali. Iżda la huwa ġust u wisq anqas huwa għaqli illi dawn l-istess

kwistjonijiet jerġgħu jiġu riferuti għall-qorti ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali meta l-iktar triq prattika tkun dik illi din il-Qorti tistenna l-eżitu finali mill-Qorti Kostituzzjonali (li jidher illi huwa biss ftit xhur 'l bogħod ġaladarba dalgħodu stess kien hemm seduta riservata għat-trattazzjoni finali). Minn hemm 'l quddiem imbagħad din il-Qorti tkun tista' tieħu qies tad-direzzjoni murija mill-ogħla Qorti tal-pajjiż u timxi magħha.

31. F'dan l-istadju l-Qorti anqas għandha għalfejn tinoltra ruħha f' kunsiderazzjonijiet ulterjuri fosthom jekk huwiex il-każ li kif tgħid l-Awtorita' intimata jeżistu rimedji ordinarji oħra li jindirizzaw l-kwistjoni sollevata mir-rikorrent u jekk hemmx xi rimedju ordinarju li jista' jiġi applikat minn din il-Qorti nnifisha.

**Deċiżjoni**

32. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tqis illi għalkemm il-kwistjonijiet imqanqla la huma frivoli u lanqas huma vessatorji, madanakollu t-tqanqil tagħhom f'dawn il-proċeduri hija frivola u għalhekk it-talba tar-rikorrent għal riferenza kostituzzjonali ma jistħoqqilix li tiġi akkolta.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y.M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |